MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 1119/1990/2

**Harry Cefai; u b'digriet tad-29 ta' Jannar 1996, l-atti tal-kawza gew legittimati f'isem Emanuela Cefai, Silvan Cefai u Noel Cefai stante li l-attur Harry Cefai miet fil-mori tal-kawza**

**Vs**

**Francis sive Tarcisio Galea bhala direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Tarcisio Galea Construction Limited, flimkien ma' Mario sive Anthony Mario Vella f'ismu proprju u bhala direttur, ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Chequers' Inn Operators Ltd.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-konvenut Mario sive Anthony Mario Vella xi sentejn ilu kien gie mhajjar mill-attur, li soltu jippresta servizzi ta' sensal, sabiex jakkwista l-lukanda 'Bel Sol' izda dan in-negozju ma sehhx;

Premess illi sussegwentement l-attur kien ressaq lill-konvenut Vella mal-konvenut Francis sive Tarcisio Galea, d-direttur tas-socjeta` Tarcisio Galea Construction Limited li kienet il-proprjetarja ta' block bini fi stat ta' kostruzzjoni fi Triq it-Trill, il-Qawra (Dok.A) u li kienet talbitu erbgha mija u hamsin elf lira (Lm450,000) sabiex tbieghlu dan il-block fi stat ta' gebel u saqaf jew inkella Lm850,000 fi stat lest biex jigi uzat bhala lukanda, u kienu nbdew it-trattativi dwar dan in-negozju;

Premess illi l-attur ghamel hiltu kollha sabiex dan in-negozju jsehh, izda beda jsib illi l-konvenuti bdew jevitawh ghalkemm bid-diskors ma qatghuhx barra u ghalhekk sabiex jissalvagwardja l-interessi tieghu, fit-22 ta' Jannar 1990 l-attur mar isib lill-konvenut Vella fil- "Halland" u dan iffirmalu l-annessa dikjarazzjoni Dok.B fejn stqarr illi hu kien "gie mressaq mis-sensal Harry Cefai quddiem il-proprjetarju Mr. Tarcisio Galea ghal xiri jew kiri u ghal kull xorta ta' negozju li jista' jsir ghal-lukanda b'90 kamra u bis- 'swimming pool' u li tinsab Triq it-Trill appogg mal-Qawra Palace Hotel, Qawra";

Premess illi l-Lukanda in kwistjoni kienet giet kompletata u msejha "Chequers' Inn" u ad insaputa kompleta ta' l-attur, fis-7 ta' Frar 1990 il-konvenut Vella kien irregistra socjeta` bl-isem Chequers' Inn Operators Ltd li fiha huwa ghandu mitejn u disgha u hamsin (259) share, martu Carmen ghandha mitejn u erbghin (240) share u certu Carmel Mangion ghandu share wahda, u li taghha l-konvenut Vella huwa direttur u Chairman u l-iskop principali ta' din is-socjeta` huwa dak li tmexxi n-negozju ta' lukanda u restaurant inkluz li tixtri l-ghamara, makkinanju u dak kollu mehtieg biex tmexxi dan in-negozju (Dok. C);

Premess illi effettivament l-attur sat jaf illi l-konvenut Vella beda jiggestixxi l-Lukanda Chequers Inn, izda lill-attur dan kompla jghidlu li kien ghadu qed jinnegozja dwarha mal-konvenut Galea *nomine*, l-attur kien interpellahom permezz ta' l-ittra bonanja ta' l-1 ta' Lulju 1990 (Dok. D) sabiex isir inkontru bejniethom sabiex tinstab soluzjono bonarja ghall-kwistjoni tas-senserija pretiza mill-attur;

Premess illi l-konvenut Vella kien cempel lill-avukat ta' l-attur, Dottor Tonio Farrugia, u talbu jghid lill-attur jissapporti ftit ohra ghaliex bir-rikjesta tieghu ghall-hlas tas-senserija, li dwarha ma kienx hemm kontestazzjoni setgha jisfrattalu n-negozju;

Premess illi minkejja dan ghaddew xahrejn u nofs u xorta l-attur ma giex msejjah mill-konvenuti ghall-likwidazzjoni u hlas lilu tas-senserija citata, hu rega' nterpella ghal dan l-iskop lill-konvenuti permezz ta' l-ittra bonarja tal-15 ta' Settembru 1990 (Dok. E), izda dawn sallum baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Previa dikjarazzjoni illi l-attur ipprestalhom servizzi ta' sensal dwar in-negozju ta' bejniethom konness mal-lukanda Chequers' Inn, fi Triq it-Trill, Qawra;

2. Tillikwida l-ammont ta' senserija dovuta minnhom lilu skond il-ligi, jew jekk ikun il-kaz, dak il-kumpens hekk dovut lilu ghas-servigi rezi minnu lilhom kif premess;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont hekk likwidat u dan in kwantu ghal nofs mill-konvenut Francis sive Tarcisio Galea *nomine* u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenut Anthony Mario sive Mario Vella fil-kwalitajiet tieghu premessi jew f'wahda minnhom skond kif tkun illikwidat din il-Qorti, u dan bil-hlas ta' l-imghax skond il-ligi sad-data tal-hlas finali;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri bonarji Dok. D u E u tal-mandati ta’ sekwestru tallum stess.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur u l-lista tax-xhieda minni indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Francis sive Tarcisio Galea li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. L-intempestivita ta’ l-azzjoni ta’ l-attur stante illi l-allegata operazzjoni bejn il-konvneuti ma gietx effettivament konkjuza u ghalhekk ma jezisti ebda dritt ghas-senserija jew ghal kumpens kif jippretendi l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur ma jista’ qatt jippretendi illi huwa kien il-medjatur ewlieni meta u jekk isir xi ftehim bejn il-konvenuti;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut Francis sive Tarcisio Galea *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro talba tal-konvenut Francis sive Tarcisio Galea *nomine* illi fiha huwa ppremetta:-

Illi l-attur ottjena mandat ta’ sekwestru kontra l-attur a bazi tal-pretenzjonijiet imsemmija f’din ic-citazzjoni u b’hekk gew sekwestrati tlett elef mill-kont tieghu liema azzjoni ikkagunat u qed tikkaguna danni konsiderevoli peress illi l-konvenut huwa kuntrattur tal-bini u ma jistghax jopera bhas-soltu kif jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza;

Talab ghalhekk il-konvenut lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-attur ma kellu ebda dritt jottjeni mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut u per konsegwenza l-eccipjent soffra u qed isoffri danni;

2. Jigi likwidati dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. Jigi l-attur ikkudannat ihallas lill-eccipjent is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-mandat ta' sekwestru kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Francis sive Tarcisio Galea fil-kwalita` tieghu fuq premessa, akkompanjanti l-kontra-talba tieghu, flimkien mal-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Mario sive Anthony Mario Vella *nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. L-intempestivita ta' l-azzjoni ta' l-attur stante illi l-allegata operazzjoni bejn il-konvneuti ma gietx effettivament konkjuza u ghalhekk ma jezisti ebda dritt ghas-senserija jew ghal kumpens kif jippretendi l-attur;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost l-attur ma jista' qatt jippretendi illi huwa kien il-medjatur ewlieni meta u jekk isir xi ftehim bejn il-konvenuti;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Mario sive Anthony Mario Vella *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat il-kontro talba tal-konvenut Mario sive Anthony Mario Vella *nomine* illi fiha huwa ppremetta:-

Illi l-attur ottjena mandat ta' sekwestru kontra l-attur a bazi tal-pretenzjonijiet imsemmija f'din ic-citazzjoni u b'hekk gew sekwestrati tlett elef mill-kont tieghu liema azzjoni ikkagunat u qed tikkaguna danni konsiderevoli peress illi l-konvenut huwa kuntrattur tal-bini u ma jistghax jopera bhas-soltu kif jigi ppruvat ahjar waqt il-kawza;

Talab ghalhekk l-istess konvenut *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Jigi dikjarat u deciz illi l-attur ma kellu ebda dritt jottjeni mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenut u per konsegwenza l-eccipjent soffra u qed isoffri danni;

2. Jigi likwidati dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta' perit nominand;

3. Jigi l-attur ikkudannat ihallas lill-eccipjent is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-mandat ta' sekwestru kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut Mario sive Anthony Mario Vella fil-kwalita` tieghu fuq premessa, akkompanjanti l-kontra-talba tieghu, flimkien mal-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta' l-4 ta' Novembru 1991 li permezz tieghu gie nominat Dr. Philip Manduca bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit legali li tinsab a fol. 115 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 1997;

Rat in-noti pprezentati;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Hu pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "is-sensal ma ghandux dritt ghas-senserija jekk huwa ma laqqax il-partijiet interessati fuq dawk l-elementi ta' l-operazzjoni klassikament imsejha 'is-sostanzjali u l-acidentali' tal-kuntratt" - "**Alfred Schembri -vs- John Bartolo**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju 1965;

L-istess gurisprudenza stabbilit ukoll illi fejn tonqos din l-operazzjoni u allura d-dritt ghal senserija ma jkunx dovut, "ikun hemm lok ghal kumpens f'kaz ta' inkariku espress jew tacitu u xi xoghol li jkun ghamel il-medjatur" - "**Carmelo Pace -vs- Josephine sive Fanny Tabone Valletta**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Marzu 1952;

Biex jigi kompletat il-kwadru fuq is-suggett tajjeb li jinghad ukoll illi "bniedem li sempliciment jaghti nformazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar jew ma jadoperax ruhu ma jidherx li jista' jkun intitolat ghal xi kumpens ghas-servigi" - "**Paolo Bonavia -vs- Carmelo Grech**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1947;

Stabbiliti dawn il-principji regolaturi jehtieg issa jigu ezaminati l-fatti li taw lok ghal prezenti azzjoni biex jigi determinat jekk l-attur intromettiex ruhu biex jghaqqad xi negozju guridiku bejn il-konvenuti b'mod li tintitolah ghal senserija jew invece wettaqx biss prestazzjoni li tintitolah ghal kumpens jew retribuzzjoni.  Jew addirittura, kif hekk qed jigi lilu kontestat mill-konvenuti, senjatament il-konvenut Tarcisio Galea, ma kien jimmeritah l-ebda kumpens ghax ma ghamel xejn;

L-attur (fol. 61) spjega x'kien l-involviment tieghu mal-konvenut Mario Vella fir-rigward tan-negozju ghax-xiri tal-lukanda Bel Sol, liema negozju sfratta wara li dam ikarkar ghal bosta xhur;

Kwantu ghan-negozju rigwardanti c-Chequers' Inn, proprjeta` tal-konvenut Tarcisio Galea *nomine*, l-attur jghid li hu kien kellem lil dan ta' l-ahhar fejn informah li kellu persuna interessata fl-akkwist tal-fond. Dan zvelalu l-prezzijiet li kien qed jippretendi u eventwalment hu laqqa' lill-konvenuti flimkien f'Gunju 1989. Dakinhar il-konvenut Vella kien esprima ruhu fis-sens li ma kellux hsieb ghalissa jidhol f'negozju bhal dan pero` jekk jerga' jibdielu kellu jikkontattja lilu mill-gdid;

L-attur jissokta jghid illi aktar 'il quddiem sar jaf li l-konvenuti kienu ltaqghu mill-gdid u ghalkemm, meta kkuntattjati, ikkonfermawlu li ma kienx ghadu konkjuz l-ebda negozju serrhulu rasu dwar is-senserija dovuta lilu. Huwa kompla jinsisti mal-partijiet dwar id-dritt dovut lilu u rnexxielu jottjeni dikjarazzjoni bil-miktub (fol. 11) iffirmata mill-konvenut Vella fis-sens li kien bl-intervent tieghu li l-partijiet tlaqqghu flimkien;

Sussegwentement l-attur sar jaf li bejn il-konvenuti sar xi forma ta' ftehim u skond ma irrivelalu l-konvenut Vella kien indahal sensal iehor mlaqqam "Ta' Tpatpitu". Cionostante, huwa jghid li ssokta jinsisti ghal hlas tad-dritt dovut lilu izda l-konvenuti baqghu inadempjenti, allavolja l-konvenut Vella weghdu f'okkazzjonijiet diversi li jhallsu meta jkun il-waqt. Ix-xhieda Joseph Grech, Pawlu Apap u George Seychell isostnu din il-parti tad-deposizzjoni ta' l-attur;

Minn naha tal-konvenuti xehed biss Tarcisio Galea fis-seduta tat-30 ta' Jannar 1997. Dan innega li l-attur involva ruhu f'xi operazzjoni bejnu u l-konvenut Vella ghalkemm jghid li dan tfacca fix-xena wara li kien gja ndahal is-sensal l-iehor "Tpatpitu";

Zied jghid li ma' Vella ma ghamel l-ebda negozju fis-sens li qatt ma rceva flejjes minghandu. B'danakollu, kien sar speci ta' ftehim ta' kera billi Vella bi tpacija ghamel certi benefikati u beda jopera ghoxrin (20) kamra tal-*hotel*;

Huwa desumibbli minn dawn il-provi illi bejn il-konvenuti effettivament kien intlahaq xi forma ta' negozju u li dan kien wiehed ta' kera. Daqstant iehor pero` huwa car illi dan il-ftehim ma kienx koronat bil-hidma ta' l-attur fis-sens li jista' b'sikurezza u positivament jinghad li dan il-ftehim intlahaq bil-partecipazzjoni shiha jew esklusiva tieghu dwar is-sostanzjali u l-accidentali ta' l-operazzjoni;

B'dana kollu, sewwa rrileva l-perit legali illi minkejja x-xhieda ta' Tarcisio Galea li allega li kien haddiehor li laqqghu mal-konvenut Vella, eppure dan haddiehor ma giex prodott biex isostni din l-allegazzjoni. Kif hekk ukoll naqas li jixhed il-konvenut Mario Vella;

Il-Qorti taqbel ma' l-istess perit relatur illi fic-cirkostanzi l-attur ma jidherx li hu intitolat ghal dritt ghal senserija. Dan pero` ma jfisserx illi huwa ma kien intitolat ghal xejn kif hekk qed jippretendu l-konvenuti;

Kif assodat f'bosta decizjonijiet meta ma jkunx tort tas-sensal li ma jsirx il-ftehim, jew dan jisfratta, huwa xorta wahda ghandu dejjem dritt ghal hlas ta' kumpens in bazi tal-mandat jew lokazzjoni d'opera, fissabbli fid-diskrezzjoni tal-Qorti ("**Emmanuele Borg -vs- Emmanuele Bartoli et**", Appell Civili, 2 ta' Marzu 1953; "**Lukard Camilleri et -vs- Joseph Borg**", Appell Kummercjali, 12 ta' Dicembru 1989);

In bazi ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz ghall-opra minnu prestata, ghalkemm mhux f'bosta kazijiet, xi sentenzi rritenew, illi l-ammont ta' kumpens hekk likwidabbli jista' f'certi kazi partikolari jasal ukoll ghall-ekwivalenza mis-somma li kienet tkun dovuta bhala senserija vera u proprja ("**Pietro Grech -vs- Felice Abela**", Appell, Sede Inferjuri, 15 ta' Frar 1936, "**Emanuela Borg -vs- Herbert**

**Camilleri**", Appell Civili, 2 ta' Mejju 1969 u "**Carmelo Calleja et -vs- John Micallef**", Appell Kummercjali, 11 ta' Frar 1974;

Issa in materja ta' kirjiet id-dritt ta' senserija hu dipendenti minn natura tal-fond. Hekk jidher li fil-kaz ta' fond ta' residenza l-materja hi illum regolata bl-Att XVI ta' l-1944, fejn allura d-dritt ta' senserija jekwivali ghall-massimu ta' nofs xahar kera ("**Carmelo Cricchiola -vs- Carmel Glenville**", Appell, Sede Inferjuri, 12 ta' Awissu 1966);

Invece ghal kirjiet ohra r-regola stabbilita fil-gurisprudenza hi dik propunjata l-ewwel darba fid-decizjoni a **Vol. XX P I p 201**, citata wkoll mill-perit legali, jigifieri: "*in difetto di convenzione o di un uso speciale, il diritto di mediazione nelle locazioni anche d'immobili, dev'essere regolato all'uno per cento sulla somma totale dei frutti per tutta la durata della locazione";*

Kif rilevat pero`, fil-kaz in ispecje l-konsiderazzjoni li qed tinghata hi fir-rigward tal-kumpens ghal servigi rezi u mhux ghal provvizjon ghal medjazzjoni vera u propria;

Biex dan il-kumpens seta' jigi mizurat sew kien mehtieg bhala punt ta' tluq illi tingieb prova dwar l-ammont ta' l-affitt jew ghallanqas kalkolu dwaru, kif ukoll taghrif preciz dwar il-bidu u d-durata tal-kirja. Din il-prova baqghet ma ngiebitx u fil-fatt il-konvenut Tarcisio Galea ma giex kontro-ezaminat dwarha;

Kien ghal din ir-raguni, kompriz il-fatt ta' xi ko-involgiment f'din l-operazzjoni da parte ta' terza persuna li ssemmiet, li l-perit legali, bl-adozzjoni ta' l-arbitriju, iffissa l-kumpens dovut ghal tliet mitt lira Maltija (Lm300);

F'dan jidher li l-perit gudizzjarju kien ispirat mit-taghlim stabbilit fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmelo Bezzina -vs- Carmelo Debono et**", Appell Kummercjali, 9 ta' Jannar 1956 fejn hekk gie precizat:-

"Kwantu ghall-kriterji li jirregola dan il-kumpens ma jkunx ekwu li jitqiesu t-tahbit materjali tal-sensal; imma hu aktar ekwu li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-importanza ta' l-operazzjoni, l-istadju, avvanzat jew le, li fih ikunu waslu l-operazzjonijiet attinenti ghan-negozju *de quo*, u l-fatt (fil-kaz li jkun hekk) li n-negozju ma jkunx sfratta bi htija tas-sensal."

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu (fol. 135) l-attur irrileva li l-kumpens akkordat kien wiehed mizeru u fil-fatt ghadda biex jistabilixxi hu c-cifra li kellha tkun dik idonea. Dan wara li ghamel kalkolu ta' kemm kien mistenni li jkun l-affitt annwali;

Il-Qorti ma tistax taccetta sottomissjoni bhal din bazata fuq mera supposizzjonijiet izda ghandha toqghod fuq fatti stabbiliti u konkreti li jirrizultaw mill-atti processwali. Fl-istess waqt thoss li s-somma iffissata mill-perit legali hi wahda pjuttost baxxa konsiderat il-kumpless attendibbli tal-provi, anke jekk l-akkordju dwar kompravendita`, certament mhux htija ta' l-attur, ma giex konkluz u minfloku, anke jekk forsi mhux bl-inizzjattiva ta' l-attur, gie miftiehem forma ta' ftehim ta' lokazzjoni;

In bazi ghar-riflessjonijiet kollha li jemergu minn dan il-kaz, il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar ekwu kumpens ta' sitt mitt lira (Lm600);

Minn naha tieghu l-konvenut Tarcisio Galea jikkritika r-relazzjoni peritali billi jsostni li l-ammont likwidat hu wiehed gholi meta, skond hu, l-attur ma ghamel xejn. Fuq din l-osservazzjoni l-Qorti gja ghamlet il-kummenti taghha u tkun ghalhekk futili kull ripetizzjoni dwarha;

Huwa sostna wkoll illi f'kull kaz gjaladarba hu ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-attur allura ma kienx obbligat ghall-ebda parti mill-hlas tal-kumpens;

Dwar dan il-punt gie rimarkat illi "f'kaz fejn is-sensal ifittex id-drittijiet kontra z-zewg partijiet flimkien mhux meritu tal-kawza li l-Qorti tezamina bi htija ta' min sfrattat l-operazzjoni. Lill-partijiet issir rizerva reciproka, imma s-senserija jew kumpens huwa dovut mit-tnejn" - "**Pietro Grech -vs- Giuseppe Schembri et**", Qorti tal-Kummerc, 19 ta' Novembru 1938 (Vol. XXX P III p 392);

L-istess konvenut issottometta wkoll illi l-perit legali ma kellux jichad il-kontro-talba tieghu u donnu jikkontendi illi sufficit dak li jinsab ritenut fl-Artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 biex jimmilita favur l-akkoljiment ta' l-istess kontro-talba;

Bhal ma gja gie osservat il-Qorti ma tistax sempliciment toqghod fuq asserzjoni li l-konvenut huwa bniedem fakoltuz u ma kienx hemm riskju li ma jadempix l-obbligi tieghu. Fir-rigward fl-atti processwali ma jinghad xejn u l-ebda prova ma ngiebet minn min kien fid-dmir li jipproduciha;

Il-Qorti, imbaghad, ma tistax tigbed inferenzi jew sostenn mill-qari u ezami biss tad-disposizzjoni tal-ligi meta l-provi ma jsostnuhiex. Dan anke ghaliex il-principju jibqa' dak fis-sens li "*ex post facto, oritur ius*".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja c-cahda tal-kontro-talba taz-zewg konvenuti, tilqa' l-ewwel talba ta' l-attur billi tiddikjara li l-attur huwa intitolat ghad-dritt ta' kumpens ghal prestazzjonijiet minnu maghmula;

Tillikwida dan il-kumpens fl-ammont ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) u f'dan is-sens tilqa' t-tieni talba attrici;

Tilqa' wkoll it-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur l-ammont fuq likwidat in linea ta' kumpens, bl-interessi mid-data ta' din is-sentenza;

Tirrizerva lill-konvenut Francis sive Tarcisio Galea *nomine* kwalunkwe dritt li talvolta jista' jkollu fil-konfront tal-konvenut Anthony Mario sive Mario Vella *proprio et nomine*;

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu nofs kull wiehed miz-zewg konvenuti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------